31985R1661

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1661/85
tat-13 ta' Ġunju 1985
li jipprovdi l-adattamenti tekniċi għar-regoli tal-Komunità dwar is-sigurtà soċjali għall-ħaddiema emigranti għal dak li għandu x'jaqsam ma' Greenland

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 51 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni mfassla wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni Amministrattiva dwar is-Sigurtà Soċjali għall-Ħaddiema Emigranti,

Billi t-Trattat li qed jemenda, għal dak li għandu x'jaqsam ma' Greenland, it-Trattati li jwaqqfu l-Kommunitajiet [1] daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 1985;

Billi l-Annessi għar-Regolament (KEE) Nru 574/72 [2], kif l-aħħar emendat permezz ta' Regolament (KEE) Nru 1660/85 [3], għandhom ikunu emendati b'mod li jaqblu ma' l-għan il-ġdid ta' Regolament (KEE) Nru 1408/71 [4], kif l-aħħar emendat permezz ta' Regolament (KEE) Nru 1660/85, li jikkorrispondi ma' dak tat-Trattati;

Fejn drittijiet li nkisbu jew li kienu ser jinkisbu matul il-proċess li matulu Greenland kienet tagħmel parti mill-Komunitajiet Ewropej permezz taċ-ċittadini ta' l-Istati Membri li kienu jaħdmu fi Greenland, kif ukoll drittijiet miksuba matul dak il-perijodu minn ċittadini ta' dan it-tip, li kienu jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u li kienu residenti fi Greenland, għandhom ikunu mħarsa;

Fejn hu mixtieq li jinżamm il-benefiċċju fil-każ ta' mard jew ta' maternità matul ir-residenza barra mill-Istat kompetenti fil-każ ta' impjegati u ta' nies li jħaddmu lilhom infushom u tal-membri tal-familja tagħhom li s-sitwazzjoni titlob għall-għotja immedjata ta' benefiċċji bħal dawn,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

It-taqsimiet li ġejjin ta' l-Annessi tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 huma hawnhekk revokati:

— fl-Anness 1, it-Taqsima B:

il-Punt 4,

— fl-Anness 2, it-Taqsima B:

it-titlu "1. Id-Danimarka bl-eċċezzjoni ta' Greenland" u l-punt 2,

— fl-Anness 3, it-Taqsima B:

it-titlu "1. Id-Danimarka bl-eċċezzjoni ta' Greenland" u l-punt II,

— fl-Anness 4, it-Taqsima B:

it-titlu "1. Id-Danimarka bl-eċċezzjoni ta' Greenland" u l-punt II,

— fl-Anness 10, it-Taqsima B:

it-titlu "1. Id-Danimarka bl-eċċezzjoni ta' Greenland" u l-punt II,

L-Artikolu 2

Dan ir-Regolament m'għandu jaffettwa:

— l-ebda dritt miksub jew li jista' jinkiseb, matul il-perijodu li Greenland kienet tagħmel parti mill-Komunitajiet Ewropej, minn ċittadini minn Stati Membri barra mid-Danimarka li kienu jaħdmu fi Greenland matul dak il-perijodu,

— l-ebda dritt miksub jew li jista' jinkiseb, matul il-perijodu li Greenland kienet tagħmel parti mill-Komunitajiet Ewropej minn ċittadini minn Stati Membri barra mid-Danimarka li kienu jaħdmu fi Greenland matul dak il-perijodu u li joqogħdu fi Greenland.

L-Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22(1) (a) u (3) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 u ta' l-Artikoli 21 u 23 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għandhom jibqgħu jgħoddu fil-każ fejn ċittadini ta' Stati Membri joqogħdu għal perijodu ta' żmien fi Greenland u li jaqblu mal-kondizzjonijiet mitluba mill-leġislazzjoni ta' Stati Membri barra mid-Danimarka.

It-Trattat li qed jemenda, għal dak li għandu x'jaqsam ma' Greenland, it-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej m'għandhomx jeskludu l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fl-ewwel paragrafu fil-każ fejn ċittadini Daniżi residenti fi Greenland imorru joqogħdu għal perijodu ta' żmien fit-Territorju ta' Stat Membru barra d-Danimarka.

L-Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika b'effett mill-1 ta' Frar 1985.

Madankollu, l-Artikolu 3 għandu jgħodd biss mid-data meta dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ.

(1) ĠU L 29, ta' l-1.2.1985, p. 1.
(2) ĠU L 74, tas-27.3.1972, p. 1.
(3) Ara paġna 1 ta' din il-Ġurnal Uffiċjali.
(4) ĠU L 149, tal-5.7.1971, p. 2.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u hu japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fit-13 ta' Ġunju 1985.

Għall-Kunsill

Il-President

G. DE MICHELIS